MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 246/2012

**Michael Attard Ltd
C 32362**

**vs**

**Martin Cachia
Id No 235859(M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Lulju 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasaha s-somma ta' tmien t' elef, hames mija u hamsin euro, u tlieta u sebghin centezmu (€8,550.73) rapprezentanti l-import ta' tmintax-il kambjala skaduti, accettatu ffrmati mill-intimat.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-Mandat ta' Sekwestru u Mandat ta' Qbid ipprezentat u bl-imghax skond il-Ligi mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, w il-Kunsill Lokali ta' Pembroke u fil-post tal-konvenut gewwa Pembroke, fil-31 ta' Ottubru 2012, u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Marixxal John Francica datati 31 ta' Ottubru 2012 (fol 10 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-27 ta' Novembru 2012 (fol. 8) u fil-gazzetti lokali The Malta Independent fit-12 ta' Dicembru 2011 (fol 13).

Illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduti ta' l-1 ta' Frar 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba ta' l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ta' tmien t'elef, hames mija u hamsin euro, u tlieta u sebghin centezmu (€8,550.73), kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------